> ““*L-Avukat Generali huwa persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija in kwantu jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument, l-allegat lament tar-rikorrent jigi ppruvat, huwa f’pozizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju – u fil-kaz odjern, ir-rimedju li mad-daqqa t’ghajn jidher li hu l-aktar indikat huwa dak tal-kumpens pekunjarju (kemm-il darba ma tiddecidix li s-semplici dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni tammonta ghal “just satisfaction”). L-Avukat Generali huwa wkoll persuna tat-tieni kategorija in kwantu dejjem ghandu interess li jkun jaf u jara li l-ligijiet u l-proceduri gudizzjarji jikkonformaw ruhhom mal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk, ghalkemm fil-kaz odjern l-Avukat Generali ma hux il-persuna direttament jew indirettament responsabbli ghall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent George Xuereb, certament ma jistax jinghad li huwa ma hux il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri*. "

“Illi fil-kaz odjern il-Qorti hi tal-fehma li l-ġudizzju m'huwiex shih jekk mhux bil-preżenza tal-Avukat Generali. Il-kawza mhix wahda ta' semplici processar ta' pensjoni ghalkemm tinkludi dan l-aspett imma tmur oltre, kif rajna, u tmiss il-validita` stess tal-Ligi.

“Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari ssollevata mill-Prim Ministru u mill-Avukat Generali qed tigi respinta.

“**IL-KAWZA ODJERNA**

“Din il-kawza tindirizza t-tnaqqis li qed ibaghtu r-rikorrenti mill-pensjoni taz-zewg terzi. Huma ghandhom pensjoni tas-servizz, li jircievu fl-intier tieghu, u li ghaliha ma hallsu l-ebda kontribut. Fl-istess hin, bhal kull impjegat iehor, hallsu l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni nazzjonali. Izda, b'differenza mal-impjegati l-ohra li m'ghandhomx pensjoni tas-

servizz, ma jircievux il-pensjoni taz-zewg terzi fl-interezza taghha imma biss id-differenza bejn il-pensjoni tat-tezor u l-pensjoni taz-zewg terzi.

“Ghalhekk ihossu ruhhom zvantaggati ingustament u diskriminati.

“Izda l-kwistjoni kollha mhiex daqshekk semplici ghaliex filwaqt li huma ghandhom ragun li jghidu li l-pensjoni tat-tezor taghhom hija abbinata ma' relazzjoni ta' impieg bhala membri tal-Korp tal-Pulizija, il-pensjoni kontributorja hija mibnija fuq principji ta' solidarjeta` socjali kif ser jinghad iktar il quddiem.

“**Il-fatti f'dan il-kaz huma pacifici bejn il-partijiet**. Jirrizulta li mill-pensjoni kontributorja ta' zewg terzi li jithallas mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, jitnaqqas l-ammont tal-pensjoni tas-servizz bl-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap 318). Lanqas m'hu kontradett li r-rikorrenti kollha huma milquta bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Madanakollu jirrizulta wkoll li skont l-**artikolu 47 tal-Kap 318** tal-Ligijiet ta' Malta, il-pensjonant jircievi xi haga bhala pensjoni kontributorja, kontrarjament ghal dak premess fir-rikors promotur, ghaliex meta il-pensjoni tas-servizz tkun qabzet il-pensjoni kontributorja b'ammont zghir, il-pensjonant xorta jithallas rata fissa li tirraprezenta in-*national minimum pension.* Inoltre, kif spjega **Edward Buttigieg,** kien sar zvilupp iehor fil-ligi billi skont l-**Artikolu 2 tal-Kap.318** meta l-pensjoni tas-servizz tkun kommutata kollha kemm hi, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz ma jibqax jitqies aktar biex jinhadem l-ammont tal-pensjoni taht is-Sigurta` socjali.[15]

“Mill-provi rrizulta wkoll li l-istess Gvern ikkonceda, kemm f'korrispondenza (**DOK NC1)** kif ukoll permezz ta' mizuri introdotti gradwalment fil-mizuri tal-*budgets* mis-sena 2008, li kien hemm "problema" li tolqot pensjonanti tas-servizz li kellha tigi indirizzata. B'rizultat ta' dawn il-mizuri, l-ewwel €466 fis-sena mill-pensoni tas-servizz ma kienux jitqiesu izjed *ai fini* tat-tnaqqis mill-pensjoni kontributorja u, skont l-ahhar xhieda aggornata f'din il-kawza, l-ammont "ezentat" b'effett mill-bidu tas-sena 2013 tela' gradwalment ghal €1266 fis-sena.

“Ir-rikorrenti jissottomettu li l-fatt li l-Gvern jammetti li hemm problema u jiehu passi sabiex isolvi din il-problema "*juri li dak li qed jitolbu m'hijiex rikjesta biex toghlilhom il-pensjoni, izda hi rikjesta fundata fuq id-dritt taghhom li jiehdu l-ammont shih tal-pensjoni kif suppost jiehduha li kieku ma kienx ghall-artkolu 56 tal-Kap.318 li qieghed in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom."* Din il-Qorti ma taqbilx li din il-korrispondenza hija ammissjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghalkemm tista' tkun xhieda ta' impenn politiku sabiex titjieb il-qaghda finanzjarja taghhom.

---

[15] Xhieda ta' **Edward Buttigieg** fuq rapportata.

“**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

“Id-dispozizzjonijiet tal-Ligi ordinarja rilevanti huma s-segwenti:-

“**Art 123 tal-Kap 164 - Att Dwar il-Pulizija**

“***"123.*** *Ebda pensjoni ma tingħata lil ebda uffiċjal tal-Pulizija ħlief meta jirtira mill-Korp f'wieħed mill-każijiet li ġejjin -*

*(a) meta jew wara li jagħlaq l-età ta' ħamsa u ħamsin sena, jew jekk ikun għalaq ħamsa u għoxrin sena servizz fil-Korp;*
*(b) meta titneħħa l-kariga tiegħu;*
*(ċ) meta jiġi rtirat bil-fors ħalli jagħti lok issir aħjar l-organizzazzjoni tal-Korp, biex b'hekk ikun hemm effiċjenza u ekonomija akbar;*
*(d) fil-każ ta' tmiem ta' impieg fl-interess pubbliku kif maħsub f'dan l-Att;*
*(e) fuq prova medika ta' sodisfazzjon tal-Prim Ministru illi dak l-uffiċjal tal-Pulizija mhux kapaċi minħabba mard tal-moħħ jew tal-ġisem li jezegwixxi d-dmirijiet tal-kariga tiegħu u li din il-marda aktarx hija permanenti."*

“Ir-rikorrenti qed jinvokaw l-**artikolu 123(a)** fil-kaz taghhom.

“**Kap 318 - Att Dwar is-Sigurta` Socjali**

*“**"Pensjoni tas-Servizz"** tfisser -*

“*(i) b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, pensjoni jew allowance oħra mogħtija lil persuna f'kull żmien qabel jew wara d-data qabel imsemmija li titħallas minn jew f'isem il-prinċipal tagħha dwar servizzi li jkunu qabel ingħataw f'Malta jew barra minn Malta u għandha f'kull każ singolu titqies fuq bażi mhux kommutata, "*
*-omissis-*
“*(v) b'seħħ mill-5 ta' Jannar 2008, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa erba' mija u sitta u sittin Ewro (€466);*
“*(vi) b'seħħ mit-3 ta' Jannar 2009, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn Ewro (€200) oħra;*
“*(vii) b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2011, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn Ewro (€200) oħra;*
“*(viii) b'seħħ mis-7 ta' Jannar 2012, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn Ewro (€200) oħra;*
“*(ix) b'seħħ mill-5 ta' Jannar 2013, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, pensjoni tas-servizz nieqsa mitejn Ewro (€200) oħra; u*
“*(x) b'seħħ mill-4 ta' Jannar 2014, għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni taħt dan l-Att, Pensjoni tas-Servizz nieqsa mitejn Ewro (€200) oħra;"*

“***"Artikolu 56.*** *Meta persuna jkollha dritt għal Pensjoni tas-Servizz li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li ġiet kommutata, f'xi żmien, kollha, kull*

*pensjoni li wieħed jasal għaliha skont id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 53 sa 55 ta' din it-Taqsima għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz."*

"**L-azzjoni odjerna**

"Il-bazi ta' l-azzjoni tar-rikorrent hija li l-artikolu 56 tal-Kap 318 fil-konfront taghhom, hija leziva tad-drittijiet taghhom kif garantiti fl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-istess Protokoll.

"**L-artikolu 37 jghid hekk:**

"*"(1)Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist -*

"*a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;*
"*b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access li l-qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u*
"*c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta:…"*

"**L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** jghid:

"*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

"*Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

"**L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jghid hekk:

"*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika*

*jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor."*

"**Inapplikabbilita` tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

"Dwar id-distinzjoni bejn l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. Joseph Brincat noe v Direttur tas-Sigurta` Socjali u l-Avukat Generali** (12 ta' Jannar 2007) osservat li "l-*portata ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija aktar ristretta mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan ta' l-ahhar jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-"possedimenti"*[16] *("possessions" fit-test ingliz,"biens" fit-test franciz) ta' dak li jkun, l-istess ma jistax jinghad ghall-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-tehid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjeta` ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjeta` (dejjem ta' kull xorta li tkun).*" Il-Qorti Kostituzzjonali, adita minn talbiet identici ghat-talba odjerna[17] kkonkludiet hekk:

> "*"Fil-kaz in dizamina bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jew tal-ermenewtika legali ma jista' jinghad li l-fatti kif prospettati fir-rikors promotorju u kif irrizultaw mid-depozizzjoni ta' Adrian Attard*[18] *jammontaw ghall-ittehid ta' pussess ta' xi haga jew ghall-ksib ta' xi interess fi, jew dritt fuq, xi haga proprjeta` ta' Emanuel Debono. Ghalhekk il-kwistjoni kollha ghandha tigi ezaminata – kif fil-fatt sar mill-ewwel Qorti – fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u senjatament tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, u tal-Artikolu 14."*

"Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Jirrizulta li għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, element ewlieni li jrid jirriżulta biex wieħed isib ksur tal-jedd imħares taħtu hu dak li t-teħid tal-pussess tal-ħaġa jkun sar b'mod obbligatorju, jiġifieri kontra r-rieda ta' sid il-ħaġa. F'dan il-każ wieħed ma jistax jitkellem la dwar esproprjazzjoni formali u anqas dwar esproprjazzjoni *de facto* ghaliex certament ir-rikorrenti ma gewx imgieghla jittrasferixxu d-dritt taghhom ghall-pensjoni taz-zewg terzi jew xi interess li ghandhom fil-pensjoni.

---

[16] *"In its judgment in the case of* ***Gasus Dosier- und Fordertechnic GmbH****, the Court confirmed that the notion of 'possessions' has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights and thus as 'possessions'."*: van Dijk P. and van Hoof G.J.H., **Theory and Practice of the Ewropean Convention on Human Rights** Kluwer Law International (The Hague), 1998, p. 619.

[17] Ir-rikorrent f'dik il-kawza kien jircievi pensjoni privata mill-*LLoyd's* u din kienet titnaqqas mill-pensjoni taz-zewg terzi pagabbli lilu skont is-sistema ta' assikurazzjoni nazzjonali. Ir-rikors kien jittratta l-istess lanjanzi li huma l-bazi tal-kawza odjerna.

[18] Xhud in rapprezentanza tad-DSS li spjega is-sitwazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-pensjoni taz-zewg terzi u t-tnaqqis tal-pensjoni privata tar-rikorrent.

"Illi, għalhekk, safejn it-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-Qorti ma ssibx li hija gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

"Konsewentement ser **tilqa'** l-eccezzjonijiet in mertu sollevati fil-paragrafi 6(i) u 6(ii) tar-risposta tal-intimati u ser tghaddi biex tikkonsidra l-kaz in ezami fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

"**L-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll - konsiderazzjonijiet preliminari**

"L-ewwel punt li jrid jigi sottolineat hu li l-artikolu 14 (protezzjoni kontra diskriminazzjoni) ma jistax ikun applikabbli jekk mhux abbinat ma' lezjoni ta' artikolu jew artikoli ohra protetti mill-Konvenzjoni. Kif gie mfisser mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Gaygusuz vs Austria** [39/1995/545/631] tas-16 ta' Settembru, 1996:

> *"'According to the Court's established case-law, Article 14 of the Convention (art. 14) complements the other substantive provisions of the Convention and the Protokolls. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 (art. 14) does not presuppose a breach of those provisions - and to this extent it is autonomous - there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them (see, among other authorities, the* ***Karlheinz Schmidt v. Germany*** *judgment of 18 July 1994, Series A no. 291-B, p. 32, para. 22)…"* Ara wkoll ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.***[19]

"Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Avv. Dr Joseph Brincat ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Emanuel Debono v.Direttur tas-Sigurta` Socjali u l-Avukat Generali"** (QK ,12 ta' Jannar 2007):

> *"'Isegwi, ghalhekk, li jridu jsiru tlett mistoqsijiet, u cioe` (A) jekk pensjoni li ghaliha persuna tkun ikkontribwiet b'pagamenti*[20] *tammontax ghal "possediment" ghall-finijiet tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, (B) jekk dan id-dritt hux dritt ghal pensjoni f'xi ammont partikolari, u (C) jekk it-twegiba ghall-anqas ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, jekk fil-kaz konkret hemmx diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14, cioe` jekk kienx hemm trattament differenti ta' persuni 'in analogous situations' minghajr ma kien hemm "an objective and reasonable justification" ghal tali trattament differenti*".

[19] Deciza fit-28 ta' Mejju 1985

[20] Ma hemm ebda dritt, garantit bil-Konvenzjoni, ghal pensjoni *ut sic*, cioe` indipendentement minn kontribuzzjonijiet li persuna tkun ghamlet ghal xi fond: *"The Court recalls that although no right to a pension as such is guaranteed by the Convention, the payments of contributions to a social security fund may create a property right protected by Article 1 of Protokoll No. 1…"*, ***Hadzic v. Croatia*** 13/9/2001.

**"L-EWWEL ARTIKOLU TAL-EWWEL PROTOKOLL TAL-KONVENZJONI**

"Stabbilit dan kollu, l-investigazzjoni tal-Qorti trid tibda mill-applikabbilita` *o meno* **tal-Artikolu 1 Protokoll 1** tal-Konvenzjoni ghall-kaz in ezami kif sancit fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ir-rikorrenti odjerni jghidu li qed jigu pprivati mid-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom ossia possedimenti ('*possessions'* fis-sens lat kif ser jigi hawn imfisser) billi l-pensjoni kontributorja taghhom qed titnaqqas kif spjegat fir-rikors promotur.

"L-intimati jikkontendu li l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea hija inapplikabbli ghall-kaz in dizamina billi dan l-artikolu japplika biss ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qieghda tgawdi. Izda din it-tezi ma tistax tigi akkolta. Difatti hija materja ormai stabbilita li dan l-artikolu jipprotegi d-dritt ghall-pensjoni, fejn gja hemm skema ghall-hlas ta' pensjonijiet ezistenti fl-Istat Membru tal-Konvenzjoni u l-applikant jikkwalifika ghall-pensjoni skont il-legislazzjoni *in vigore*.

"Dan hu spjegat mill-awtrici **Karen Reid** fil-ktieb "*A Practitioner`s Guide to the Ewropean Convention on Human Rights*"[21]. L-awtrici tghid hekk:

> *"'There is no right as such that a State provide a particular type or amount of benefit. However despite early case-law distinctions between contributory and non-contributory benefits, the Court has now stated that, given the fact that many people in Contracting States are dependent, for at least part of their lives on benefits, and given the variety of funding methods, where a Contracting State has in force legislation providing for the payment as of right of a welfare benefit – whether conditional or not on the prior payment of contributions – that legislation must be regarded as generating a proprietory interest falling within the ambit of Art 1 of Protokoll 1 for persons satisfying its requirements.Where the amount of a benefit is reduced or discontinued this appears to constitute an interference with possession that requires justification in the general interest and be duly proportionate, without imposing "an individual and excessive burden"*.

"Minn ezami tal-kazistika l-aktar recenti tal-Qorti Ewropea kif ukoll mill-applikazzjoni tal-Qrati taghna, ghandu jirrizulta car li l-pensjoni kontributorja tidhol fid-definizzjoni ta' "*possediment*" fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ghalhekk r-rikorrenti huma gustifikati li jibbazaw it-talbiet taghhom fuq dan l-artikolu.

---

[21] Oxford University Press – Fourth Edition – 2012 – Sweet & Maxwell pp 827-828.

"*The essential characteristic of a 'possession' is the acquired economic value...Pension rights are also possessions (**Stec and others v The United Kingdom*** 2006-VI;43 EHRR 1017 GC*)"*[22].

"Skont l-awturi ***Jacobs White and Ovey***[23] f'din l-ahhar sentenza, il-Qorti Ewropea ikkjarifikat l-interpretazzjoni tal-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll fl-applikazzjoni ghall-pensjonijiet. Din is-sentenza giet segwita f'diversi kazijiet tal-Qorti Ewropea. L-awturi jkomplu :

> *""The Court* (fil-kaz ta' **Stec)** *concluded that, whenever persons can assert a right to a welfare benefit under national law, Article 1 Protokoll 1 applied. The Court goes on to note that the bringing of social security fairly and squarely within the scope of Article 1 Protokoll 1 does not create a right to acquire property nor does it include a right to a particular amount of benefit.*[24] *The Article is only applicable where national law provides for an entitlement to a social security benefit* [25] *and the applicant satisfies the legal conditions for the granting of a particular benefit.*[26]*However if a Contracting Party does create rights to social security benefits, the benefit schemes must be operated in a manner which is compatible with the prohibition of discrimination set out in Article 14."*[27]

Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Azinas v. Cyprus**[28], filwaqt li osservat li d-dritt ghal pensjoni m'huwiex garantit bil-Konvenzjoni, tghid:

> *""However, the Court also reiterates that, according to the case-law of the Convention institutions, the right to a pension which is based on employment can in certain circumstances be assimilated to a property right. This may be the case where special contributions have been paid: in its judgment in the case of **Gaygusuz v Austria** [16 September 1996] the Court held that ' entitlement to a social benefit is linked to the payment of contributions, and when such contributions have been made, an award cannot be denied to the person concerned." [para.32-33*]"

"Ghalkemm pensjoni huwa possediment *ai fini* ta' dan l-artikolu konvenzjonali madanakollu tibqa' l-kwistjoni jekk l-artikolu 56 tal-Kap 318 huwa leziv ta' dan l-artikolu.

"Kwistjoni identika gja giet trattata mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta f'zewg sentenzi fl-ismijiet "**Avv. Dr Joseph Brincat noe v. Direttur tas-Sigurta` Socjali u l-Avukat Generali"** fuq citat, u **"Joseph Grech et v Il-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà**

---

[22] Harris O'Boyle & Warbrick *Law of the Ewropean Convention on Human Rights* -3rd ef, p 863
[23] *The Ewropean Convention on Human Rights* – 6th ed. Pp 498-499 .
[24] Ara ukoll **Maggio and others v Italy (**App. 46286/09) 31 May 2011, para 55
[25] **Carson & Others v the United Kingdom** (App. 42184/05) ECHR 2010.
[26] **Richardson v The United Kingdom** (App. 26252/08) Decision of the 10 April 2012 para 17-18.
[27] **Carson and others v The United Kingdom** (App.42184/08) ECHR 2010.
[28]20 ta' Gunju 2006.

**Soċjali u d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali"** (QK 9 ta' Frar 2007) li ttrattaw rispettivament kaz ta' pensjoni privata (pensjoni ta' *Lloyd's)* u pensjoni tas-Servizzi militari Inglizi. Fit-tnejn l-ilment tar-rikorrenti kien jikkonsisti fil-fatt li kienu qed jircievu biss id-differenza bejn il-pensjoni tas-Sigurta` nazzjonali (pensjoni taz-zewg terzi) u il-pensjoni privata taghhom. Similment ir-rikorrenti ibbazaw l-azzjonijiet taghhom fuq allegat lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kif abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Ukoll bhar-rikorrenti odjerni, ir-rikorrenti fil-kazijiet imsemmija dejjem hallsu regolarment il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` socjali lill-Gvern Malti, bhal kull impjegat iehor, u b'hekk kellhom dritt ghall-pensjoni shiha meta ghalqu l-eta` pensjonabbli.

"Din il-Qorti ghalhekk ser ticcita estensivament minn dawn is-sentenzi li huma rilevanti ghall-kaz quddiema llum u taghmel taghha r-ragunamenti u konkluzjonijiet taghhom.

"Fil-kaz **Brincat noe** il-Qorti wiegbet it-tlett mistoqsijiet citati *ante* hekk:

> *""Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament diversi sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg, fosthom* ***Szrabjer and Clarke v. U.K.***[29]*1023/10/1977,* ***Domalewsky v. Poland*** *15/6/1999,* ***Walden v. Liechtenstein*** *16/3/2000,* ***Azinas v. Cyprus*** *20/6/2000,* ***Jankovic v. Croatia*** *12/10/2000,* ***Hadzic v. Croatia*** *13/9/2001,* ***Wessels-Bergervoet v.The Netherlands*** *4/6/2002,* ***Willis v. U.K.*** *11/6/2002 u* ***Asmundsson v. Iceland*** *12/10/2004 ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li t-twegiba ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, izda t-twegiba ghall-mistoqsija (B) hija fin-negattiv meta si tratta ta' pagamenti maghmula lil, u allura pensjoni percepita minn, "a social security system". Dan kollu hu riassunt fis-segwenti bran mill-aktar recenti mis-sentenzi hawn fuq imsemmija,* ***Kjartan Asmundsson v. Iceland*** *deciz fit-12 ta' Ottubru 2004, fejn il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk*:
>
> *""The Court reiterates that Article 1 of Protokoll No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see* ***James and Others v. the United Kingdom****, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first rule, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to the peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule."*

[29] Din kienet decizjoni tal-Kummissjoni.

*“'Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to decide what is “in the public interest”. Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment as to the existence of a problem of public concern warranting measures interfering with the peaceful enjoyment of possessions (see* ***Terazzi S.r.l. v. Italy,*** *no. 27265/95, § 85, 17 October 2002, and* ***Wieczorek v. Poland****, no. 18176/05, § 59, 8 December 2009). Article 1 of Protocol No. 1 also requires that any interference be reasonably proportionate to the aim sought to be realised (see* ***Jahn and Others v. Germany*** *[GC], nos. 46720/99, 72203/01 and 72552/01, §§ 81-94, ECHR 2005-VI). The requisite fair balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see* ***Sporrong and Lönnroth v. Sweden****, 23 September 1982, §§ 69-74, Series A no. 52).”* **Torri and Others v Italy** (App. no. 11838/07 and 12302/07)."

*“'According to the Convention institutions’ case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see* ***Bellet, Huertas and Vialatte v. France*** *(dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999,* ***and Skorkiewicz v. Poland*** *(dec.), no. 39860/98, 1 June 1999). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protokoll No. 1 (see* ***Gaygusuz v. Austria****, judgment of 16 September 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-IV, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protokoll No.1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, <u>it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount (see* ***Müller v. Austria****, no. 5849/72,Commission’s report of 1 October</u> 1975, Decisions and Reports 3, p. 25, and Skorkiewicz, cited above).An important consideration in the assessment under this provision is whether the applicant’s right to derive benefits from the social insurance scheme in question has been infringed <u>in a manner resulting in the impairment of the essence of his pension rights</u> (see* ***Domalewski v. Poland*** *(dec.), no. 34610/97, ECHR 1999-V).” (sottolinear tal-Qorti Kostituzzjonali).”*

“Il-Qorti fil-kaz ta’ **Brincat noe** ikkonkludiet hekk:

*“'Fi kliem iehor, ghalkemm, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-fatt li wiehed ikun ikkontribwixxa ghax hallas “il-bolla” tas-sigurta` socjali, johloq “a property right” li jista’ jkun protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, meta si tratta ta’ skema imhaddma mill-iStat fl-ambitu tas-sigurta` socjali wiehed ma jistax jitkellem dwar dritt ghal xi ammont partikolari ta’ pensjoni*[30]*. Sakemm dak li jkun sar ma*

[30]*“Where a person has contributed to a pension fund, this could, according to the Commission, in certain circumstances create a property right in a portion of such a fund and a modification of the pension rights under such a system could in principle raise an issue under Art. 1 of Protokoll No. 1. Where the payments are to a social security system, even assuming that this gives rise to a right to derive a benefit from the system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a*

> *jkunx jammonta ghal negazzjoni totali tad-dritt ghall-pensjoni (jew, bhalma kien f'diversi mill-kazijiet hawn aktar 'l fuq citati, negazzjoni totali ghal xi beneficcju ta' natura pekunjarja iehor), wiehed ma jistax jitkellem dwar ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Fil-kaz in dizamina, id-dispozizzjoni tal-ligi li qed tigi attakkata – l-Artikolu 47 tal-Kap. 318, abbinat, s'intendi ma' dispozizzjonijiet ohra tal-istess ligi – tipprovdi li meta persuna jkollha "service pension" minghand l-ex-employer taghha, il-pensjoni tas-sigurta`socjali titnaqqas bid-differenza ta' dak li dik il-persuna tkun qed tippercepixxi mill-pensjoni privata. Pero` qatt ma tigi negata ghal kollox il-pensjoni tas-sigurta` socjali. Kif fisser Adrian Attard quddiem l-ewwel Qorti …..: "S'intendi ir-retirement pension hemm flat rate li inqas minn daqshekk ma tistax tiehu..."*

"Dan kollu gie citat b'approvazzjoni mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Grech et.** fuq imsemmi. Il-Qorti ikkonkludiet li :

> *""Anke f'din il-kawza, kuntrarjament ghal dak li qed jikkontendu l-appellanti, ma hemmx xi deprivazzjoni totali mid-dritt tal-pensjoni maltija. Din semplicement qed tigi ridotta, u tali riduzzjoni ma tammontax ghal ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll."*

**"L-interess Pubbliku u Proporzjonalita`**

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Brincat noe.** ikkonsidrat li l-pensjoni kontributorja hija mizura ibbazata fuq is-solidarjeta` socjali intiza biex, safejn hu possibbli, il-gid jitqassam ma', u jitwassal lil, kulhadd. Din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb.

"Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Paul u Marianne Hili v l-Avukat Generali et (**31 ta' Ottubru 2014) "...*ghalkemm huwa minnu li l-ammont dovut bhala pensjoni ma jigix komputat b'mod li necessarjament jekwivali ghall-ammont totali mhallas bhala kontribuzzjonijiet, izda xorta wahda l-kontribwent ghandu aspettattiva legittima li meta hu jirtira hu wkoll jibbenefika mill-beneficji socjali skont il-ligi vigenti fid-data tal-irtirar. Dan hu bbazat fuq il-kuncett li l-obbligu tal-hlas tal-kontribuzzjonijiet ghal min jahdem bi qligh huwa mizura bbazata fuq is-solidarjeta` socjali, u hi intiza wkoll sabiex il-flus imhallsa f'dak iz-zmien issostni lil dawk li ma jkollhomx introjtu jew ma jkollhomx introjtu adegwat ghal ghejxien taghhom."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Ikkonsidrat li s-solidarjeta` socjali hija l-pern u l-motivazzjoni tal-iskema tal-pensjoni kontributorja. Din l-iskema ma taghtix lill-kontributur il-jedd li jircievi korrispettiv ugwali ghall-hlasijiet li jkun ghamel imma jedd ghal xi ammont ta' pensjoni meqjus skont l-interessi socjali fis-sens li "*kull pensjonant jigi garantit il-hlas tar-rata bazika tal-pensjoni tal-irtirar."*[31] F'dan is-sens mhuwiex "*investiment*"

---

*particular amount."*: Reid K., **A Practitioner's Guide to the Ewropean Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, p. 410, para. IIB-284 citata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali.

[31] Affidavit ta' **Edward Buttigieg** a fol. 657 et,seq. tal-process.

kif donnu jahsbu r-rikorrenti imma obbligu legali motivat b'ragunijiet ta' solidarjeta` socjali.

"Hu risaput li l-istati ghandhom "*a wide margin of appreciation"* meta jirregolaw il-politika socjali.

"Kif tosserva **Karen Reid**[32] *"A wide margin applies however to States in regulating their social policy. This can include measures reducing pensions in pursuit of social justice or re-integration into the general system of previously privileged groups."*

"Il-Qorti Ewropea fil-kaz **Carson and others v. The United Kingdom**[33] fissret il-hsieb taghha hekk:

> *""A wide margin is usually allowed to the State under the Convention when it comes to general measures of economic or social strategy. Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is in the public interest on social or economic grounds, and the Court will generally respect the legislature's policy choice unless it is 'manifestly without reasonable foundation'* [see **Stec and Others v The United Kingdom** [GC], no 65731/01 and 65900/01, para 52 ECHR 2006 – VI][34]"

**"Edward Buttigieg**, Agent Direttur Generali fi hdan il-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta Socjali[35] spjega l-iskop tal-iskema tal-pensjoni taz-zewg terzi fejn "*Il-legislatur ried jizgura li tinholoq skema ta' pensjoni b'rata ferm oghla minn dik li kienet tithallas b'rata fissa. Fl-istess waqt, pero' l-legislatur ried jassigura l-principju ta' solidarjeta` billi dahhal il-kuncett li fejn minbarra pensjoni tas-Sigurta` Socjali persuna tkun qed tircievi pensjoni tas-Servizz li tithallas separatament, din ta' l-ahhar ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta jigi stabbilit l-ammont tal-pensjoni tas-Sigurta` Socjali b'dan li l-pensjoni tas-Sigurta` socjali titnaqqas bid-differenza ta' dak li dik il-persuna tkun qed iddahhal mill-pensjoni privata."* Sussegwentement bl-**artikolu 47 tal-Kap. 318** tal-Ligijiet ta' Malta, l-pensjoni tas-Sigurta` socjali ma baqghetx tintilef ghal kollox imma jinsab garantit il-hlas ta' *flat rate* jew rata minima rrispettivament mill-ammont tal-pensjoni tas-servizz li wiehed ikun qed jircievi. *"B'dan il-mod gie garantit li taht l-iskema kontributorja persuna li tkun hallset il-kontribuzzjonijiet mehtiega kellha l-pensjoni taghha bazika salvagwardjata."*

"Ikkonsidrat li r-rikorrenti lanqas biss ghamlu imqar accenn ghaz-zewg pronunzjamenti tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sottomissjonijiet taghhom minkjejja li dawn huma pronunzjamenti awtorevoli il jittrattaw fil-fond

[32] Op.cit.
[33] (GC) *Application no. 42184/05 (dec)*16 March 2010
[34] citat *ante.*
[35] Affidavit a fol 657 *et.sequitur* tal-process.

mertu identiku.[36] Frankament din il-Qorti hija perplessa b’dan in-nuqqas ghaliex ghalkemm is-sistema taghna ma ssegwix il-principu tal-*binding precedent,* pronunzjamenti precedenti tal-Qorti Kostituzzjonali *"fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett." (*Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "***On.Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali"** - dec. 1 ta’ Gunju 2001).

“Madanakollu r-rikorrenti mhux talli ma gabu l-ebda argument gdid, l-ebda gurisprudenza gdida, u l-ebda fatti godda li jistghu anke remotament ibiddlu il-fehmiet gja espressi imma injoraw dawn is-sentenzi ghal kollox. Gustament l-intimati josservaw li l-assenza ta’ kritika ta’ dawn is-sentenzi ddghajjef mhux ftit il-pozizzjoni tar-rikorrenti ghaliex gjaladarba ma gabu l-ebda argument *ex novo* biex jikkumbattu l-insenjament imnissel minn dawk iz-zewg sentenzi, allura isewgi li ma hemm l-ebda raguni ghaliex dak it-taghlim m’ghandux jghodd.

“Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tiskarta r-ragunamenti tal-Qorti Kostituzzjonali minghajr ragunijiet serji u gravi. Aparti l-iskiet tar-rikorrenti, lanqas jirrizulta li kien hemm tibdil fl-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea dwar il-jedd ghall-ammont partikolari ta' pensjoni, jew xi restrizzjoni fil-*margin of appreciation* tal-Istati Membri.

“Fil-kaz odjern, li gara, anzi kien li l-posizzjoni tal-pensjonanti tjiebet sussegwentement ghaz-zewg sentenzi citati.

**“Titjib fil-Kondizzjonijiet tal-Pensjonanti li Jircievu Pensjoni tas-Servizz**

“Ta' rilevanza hija l-fatt li s-sitwazzjoni tal-pensjonanti li jippercepixxu wkoll pensjoni tas-servizz kompliet titjieb wara li nghataw is-sentenzi citati . Dan sehh b'rizultat ta' zewg ammendi importanti fit-tifsira tal-pensjoni tas-servizz. Spiccat is-sitwazzjoni antecedenti fejn il-pensjoni tas-Sigurta` socjali kienet tigi ridotta b’mod li tintilef ghal kollox jekk persuna tkun qed tircievi pensjoni ohra li diga` tilhaq iz-zewg terzi.

“B’ammenda introdotta fl-**artikolu 47 tal-Kap 318** ddahhlet *flat rate* minimu kif fuq senjalat mix-xhud Edward Buttigieg. Mis-sena 2008 kif spjega ix-xhud Ivan Cilia[37] "*abbazi ta’ tlett legal notices ippubblikati*

[36] Din il-Qorti trid bil-fors issemmi li l-intimati mxew tant korrettement fil-kaz in ezami li esibew in atti kopji tas-sentenzi imsemmija moghtija fil-kazijiet **Brincat noe *u* Grech noe** qabel ir-rikorrenti gew awtorizzati jressqu is-sottomissjonijiet bil-miktub taghhom u allura r-rikorrenti kellhom preavviz tal-pozizzjoni tal-intimati. (Ara verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2013).

[37] Xhieda fis-Seduta tal-24 ta' Mejju 2011

*ghas-snin 2008, 2009, u 2011, mis-sena 2008 l-ewwel €466 tas-service pension ma tigix ikkunsidrata".* Dan l-ammont zdied annwalment bl-ammont ta' mitejn ewro (€200) ghal kull sena sussegwenti.

"**George Cremona,** xehed[38] li wara l-Budget tat-2012 l-ammont ta' €1066 jigi meqjus imnaqqas ghall-finijiet tal-pensjoni tas-Sigurta` socjali. Dan l-ammont rega' zdied ghal €1266 b'effett minn Jannar 2013. **Edward Buttigieg** xehed[39] li dawn l-ammonti "*jigu injorati ghal finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni tas-Sigurta` socjali".* Spjega li l-iskop ta' dawn l-ahhar ammendi kien li "*maz-zmien dak li jkun jista' jibbenefika mill-pensjoni tas-Sigurta` socjali b'mod shih anke jekk huwa jkollu pensjoni ohra li tizboq ir-rata massima tal-pensjoni tas-Sigurta` socjali."* Effettivament b' dan il-process, il-pensjoni tas-Sigurta` socjali ma baqatx izjed titnaqqas bl-ammont shih tal-pensjoni l-ohra ghaliex din ta' l-ahhar bdiet titnaqqas bl-ammonti msemmija fl-artikolu **2** kif gie ammendat.

"Ikkonsidrat ukoll li l-ammont tal-pensjoni tas-servizz ezent mill-kalkolu imsemmi rega' zdied b'€200 ohra b'effett mill-4 ta' Jannar 2014.

"Minbarra dan b'effett mill-4 ta' Ottubru 1997 meta l-pensjoni tas-servizz tkun kommutata kollha kemm hi, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz ma jibqax jitqies aktar biex jinhadem l-ammont tal-pensjoni taht is-Sigurta` socjali (**art 2 Kap 318).** Ghalhekk ir-rikorrenti dejjem kellhom ghazla li jikkomutaw il-pensjoni tat-Tezor.

"Fid-dawl tal-premess, lanqas jista' jinghad li l-mizura qed timponi piz ingust (*unfair burden)* fuq ir-rikorrenti. Il-*quantum* tal-pensjoni kontributorja tnaqqas biss sakemm id-dħul kollu tar-rikorrent mill-pensjoni jiġi daqs — jew, għall-inqas, ma jiġix wisq ogħla minn — dak li jirċievu pensjonanti oħra. Inoltre skont l-**artikolu 47 tal-kap 318** il-hlas ta' *flat rate* jew rata minima hija zgurata irrispettivament mill-ammont li l-pensjonant jircievi mill-pensjoni tas-servizz. Ma' dan wiehed ghandu jzid il-konsiderazzjoni li l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ghandu jitnaqqas qed jigi ridott gradwalment ma' kull *budget* u allura l-pozizzjoni tar-rikorrenti qed titjieb kull sena.

"Kif isostnu l-intimati[40] "*B'dan il-mod, gie garantit li taht l-iskema kontributorja persuna li tkun hallset il-kontribuzzjonijiet mehtiega kellha l-pensjoni taghha bazika salvagwardata anke jekk tali persuna tkun qed tircievi pensjoni tas-servizz li tkun ghola minn zewg terzi tal-paga."*

[38] Seduta tat-23 ta' Frar 2012
[39] Affidavit a fol 657 *et.sequitur* tal-process.

[40] Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati a fol.81 *et sequitur* tal-process.

**“Kif inghad, il-Konvenzjoni ma taghtix dritt ghall-ammont partikolari ta' pensjoni, u huwa proprju l-ammont tal-pensjoni taz-zewg terzi li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti.**

**“Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ssibx illi kien hemm ksur tal-jedd imħares taħt l-Art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll.**

**“L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni**

“Jibqa' biex jigi ezaminat jekk gjaladarba il-pensjoni dovuta lir-rikorrenti, bhala *'possediment' ai fini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, qed tigi applikata bi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

“Biex jista’ jinghad li hemm “diskriminazzjoni” vjetata skont l-Artikolu 14, wiehed irid iqabbel lir-rikorrenti ma’ nies f’sitwazzjoni analoga.

“Kif gie mfisser fil-kaz **Wessels-Bergervoet vs the Netherlands** deciz mill-Qorti Ewropea fl-4 ta’ Settembru, 2002 :

> “*46. The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification* (see *Thlimmenos*, cited above, § 44).”

“Ukoll fil-kaz **Carson and others v The United Kingdom (*vide ante)*** il-*Grand Chamber* fissret hekk l-artikolu 14:

> *“"1. The Court has established in its case-law that only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or “status”, are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see **Kjeldsen, Busk Madsen and Pedersen v. Denmark**, 7 December 1976, § 56, Series A no. 23). Moreover, in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (see **D.H. and Others v. the Czech Republic** [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, and **Burden v. the United Kingdom** [GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008). Such a difference in treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised."*

“Ir-rikorrenti jsostnu li d-diskriminazzjoni qieghda fil-fatt li huma b’differenza ghal dawk il-haddiema li jhallsu l-kontribuzzjonijiet u jircievu pensjoni shiha, jircievu pensjoni ridotta minhabba li qed titnaqqas mill-pensjoni kontributorja l-pensjoni tas-servizz.[41]

“Il-Qorti ma taqbilx ma’ din it-tezi. Ir-rikorrenti ghandhom jitqieghdu fl-istess pozizzjoni bhall-persuni li jircievu pensjoni tas-servizz jew

41 Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol.678 tal-process.

pensjoni ohra privata. Infatti ma jirrizultax li qed ibaghtu minn xi trattament diskriminatorju meta jigu paragunati ma' pensjonanti fl-istess kategorija bhal taghhom. Hekk fisser Edward Buttigieg fix-xhieda tieghu fejn qal li l-Ligi ma tiddistingwix bejn pensjonijiet imhallsa mill-privat u dawk imhallsin mit-Tezor jew mill-Gvern b'dana li l-beneficcjarji ta' kwalsiasi sura ta' pensjoni tas-servizz kienu kollha qed jigu trattati bl-istess mod.

“Kull min hu fl-istess pozizzjoni tar-rikorrenti (pulizija, membri tal-Forzi Armati, jew tal-Facilita` Korrettiva jew persuni li jircievu pensjoni privata ohra apparti dik taz-zewg terzi) jigi trattat bl-istess mod, u ma ngabet ebda prova ta' xi trattament “differenti” ta' persuni li jinsabu f'pozizzjoni simili ghal dik tar-rikorrenti.

“Anke jekk wiehed kellu jqabbel ir-rikorrenti mal-kategorija ta' pensjonanti li ma jgawdux minn pensjoni tas-servizz, u li, allura jircievu l-pensjoni taz-zewg terzi fl-intier tieghu, l-Qorti xorta ma tarax li wiehed jista' jitkellem dwar mizura li m'ghandhiex '*an objective and reasonable justification* ghat-trattament differenti.

“Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Stec and others v the United Kingdom** fuq citat:

> *“"2. The scope of this margin will vary according to the circumstances, the subject matter and the background (see Petrovic v. Austria, 27 March 1998, § 38, Reports 1998-II). As a general rule, very weighty reasons would have to be put forward before the Court could regard a difference in treatment based exclusively on the ground of sex as compatible with the Convention (see Van Raalte, cited above, § 39, and Schuler-Zgraggen v. Switzerland, 24 June 1993, § 67, Series A no. 263). On the other hand, a wide margin is usually allowed to the State under the Convention when it comes to general measures of economic or social strategy (see, for example, James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 46, Series A no. 98, and National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom, 23 October 1997, § 80, Reports 1997-VII). Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is in the public interest on social or economic grounds, and the Court will generally respect the legislature's policy choice unless it is “manifestly without reasonable foundation” (ibid.)."*
>
> Billi l-mizuri tat-tnaqqis tal-pensjoni ghandhom l-ghan legittimu ta' solidarjeta` socjali sabiex jintlahhqu l-bzonnijiet ta' kulhadd ma jistax jinghad li m'ghandhomx ghan legittimu u li l-mizuri huma "*objectively and reasonably justifiable*".

“Riferibbilment ghat-test ta' proporzjonalita` bejn l-ghan u l-mizura effettwata, din il-Qorti bilfors trid tenfasizza dak li gja kkonstatat *ante* u cioe` dawk il-fatturi li jiffavorixxu lir-rikorrenti: li huma baqghu jibbenefikaw minn pensjoni non kontributorja, b'differenza ghal dawk

il-pensjonanti li ma jgawdux minn tali beneficcju; li mhuwiex qed jitnaqqas izjed l-ammont shih tal-pensjoni tas-servizz; li b'zieda mal-pensjoni tas-servizz jircievu rata ta' pensjoni minima ; u li jistghu li jikkommutaw il-pensjoni tas-servizz; u li hemm revizjoni gradwali tal-ammont tal-pensjoni tas-servizz imnaqqas.

"Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jirrizultax li hemm xi sproporzjon bejn id-differenza fit-trattament bejn iz-zewg kategoriji ta' pensjonanti u l-ghan li jrid jintlahaq permezz ta' dak it-trattament differenti. L-Att Dwar is-Sigurta` Socjali ma johloq ebda forma ta' diskriminazzjoni. Hu intiz biex johloq principji dwar rati ta' pensjoni applikabbli u rati ta' sigurta` socjali. Hija ligi [li wiehed jista' jaqbel maghha jew le, izda dan ma jirrendix il-ligi anti-Kostituzzjonali jew kontra l-Konvenzjoni] intiza fuq solidarjeta` socjali kif jitqassam il-gid tal-pajjiz.

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma ssibx li gie lez id-dritt tar-rikorrenti skont l-artikolu 14 flimkien mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."

**<u>L-Appelli</u>**

7. Ir-rikorrenti qed isejjsu l-appell taghhom fuq tlett aggravji: [1] li l-applikazzjoni tal-artikolu 56 tal-Kap.318 qed jilledilhom id-dritt konvenzjonali taghhom sancit bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll konvenzjonali; [2] li l-istess artikolu 56 jilledi d-dritt taghhom sancit fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni b'mod pregudizzjevoli ghad-drittijiet ghall-pensjoni taghhom; u [3] li l-fattispecje tal-kaz odjern huwa leziv tad-dritt taghhom sancit bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

8. Ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet esposti dettaljatament fir-rikors tal-appell taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi revokata in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet taghhom, u minflok, tilqaghhom u tirrimanda l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex

tigi trattata u deciza t-tielet talba taghhom dwar ir-rimedju ghal-lezjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

9. Permezz tar-risposta taghhom l-intimati ghar-ragunijiet hemm indikati qed jitolbu li l-appell tar-rikorrenti jigi michud; fl-istess hin ipprezentaw appell incidentali li permezz tieghu qed jitolbu li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li tigi revokata fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni taghhom li kemm l-Onor.Prim Ministru u kemm l-Avukat Generali m'ghandhomx legittimazzjoni passiva u li ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-Appell Incidentali**

10. Tenut kont tan-natura procedurali ta' dan l-appell huwa opportun li dan jigi trattat qabel l-appell principali.

11. Dan l-appell jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-intimati dwar l-illegittimita` passiva tal-Onor.Prim Ministru f'dawn il-proceduri. L-intimati jikkontendu li l-posizzjoni hija regolata bl-artikolu 181B tal-Kap.12 u fit-termini tal-istess il-prezenza tal-Avukat Generali u tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali hija

sufficjenti sabiex il-gudizzju jkun integru u ghalhekk dak l-intimat kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

12. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Alfred Spiteri et vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta*[42] fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza appellata:

> ".......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. .......... jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kelllu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - *quod lex voluit lex dixit*. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza *H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali* moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali. [43]
>
> "Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza *Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija et* deciza fil-31 ta' Lulju 2000:
>
> "....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament *locus standi* f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor.

[42] Deciza 7 Ottubru 2013
[43] Ara wkoll f' dan is-sens *Q.Kost Sean Bradshaw et vs Avukat Generali et*, deciza fis-6 Frar 2015

> "Dan ifisser li s-sentenza appellata kienet korretta in kwantu lliberat lill-Prim Ministru mill-osservanza talgudizzju ..... Kienet invece skorretta fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex certament hu l-Avukat Generali li kellu jirrispondi almenu ghal dik il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali li tattakka l-validita` ta' provvediment legislattiv."

> "[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakolta lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru appellat li, "ir-referenza lejn il-Prim Ministru [fl-Artikolu 242] ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-kap tal-fergha legislattiva tal-istat" biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati."

13. Ghar-ragunijiet premessi dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

**<u>L-Appell Principali</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>

14. Dan hu fis-sens li, filwaqt li r-rikorrenti ghandhom id-dritt li jircievu pensjoni tas-servizz mid-Dipartiment tat-Tezor skont l-Artikolu 123 tal-Kap.164, b'applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap.318 il-pensjoni kontributorja dovuta lilhom mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali qed tigi imnaqqas b'ammont rapprezentanti l-pensjoni tas-servizz percepita minnhom. B'hekk mhux qed jithallsu l-pensjoni kontributorja shiha peress li din qed tigi ridotta bil-mod spjegat. Ir-rikorrenti jsostnu li din ir-

riduzzjoni fil-pensjoni kontributorja taghhom hija vjolattiva tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

15. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-ewwel Qorti strahet fuq dak deciz minn din il-Qorti fis-sentenza **Av. Dr Joseph Brincat v. Direttur tas-Sigurta` Socjali et**[44] meta rriteniet li ma hemm l-ebda lezjoni billi l-Konvenzjoni ma taghtix dritt ghal ammont partikolari tal-pensjoni. Huma jiccitaw mis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja fil-kaz **Valkov and Others v. Bulgaria** deciza fil-25 ta' Ottubru 2011, fejn wara li intqal li l-principji derivanti mill-artikolu konvenzjonali *de quo "are equally relevant when it comes to pensions"* osservat li:

> "that provision does not guarantee the right to acquire property.... nor does it guarantee, as such, any right to a pension of a particular amount..... However, where a Contracting State has in force legislation providing for the payment as of right of a pension – whether or not conditional on the prior payment of contributions – that legislation has to be regarded as generating a proprietary interest falling within the ambit of Article 1 Protocol No.1 for pesons satisfying its requirements."

16. Ghalhekk, la darba Malta hija Stat Membru li ghandu fis-sehh legislazzjoni ghall-hlas ta' pensjoni, din tohloq *"proprietary interest"* li ghandu l-protezzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat. Dan huwa konformi mal-insenjament ta' din il-Qorti fil-kaz **Av. Dr Joseph Brincat noe** [supra]. Ghalhekk, jghidu r-rikorrenti, il-vera kwistjoni mhijiex l-applikabblita` o meno tal-artikolu konvenzjonali ghall-kaz odjern, izda

[44] Supra

jekk dak l-artikolu giex vjolat fil-konfront taghhom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap.318.

17. Fir-rigward ir-rikorrenti jaghmlu s-segwenti osservazzjonijiet li jikkostitwixxu l-essenza tal-aggravju taghhom.

18. Huma ma jaqblux mar-ragunament tal-ewwel Qorti li ladarba r-rikorrenti ma gabux argumenti godda jew gurisprudenza gdida jew fatti godda li jiskussaw dik is-sentenza **Av.Dr Joseph Brincat noe**, allura dik il-Qorti "ma setghetx issib favur it-tezi tal-esponenti". Ir-rikorrenti jressqu zewg argumenti principali in sostenn ta' din it-tezi taghhom: [1] li l-gurisprudenza kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Ewropeja hija wahda li l-hin kollu tevolvi u taghti hafna interpretazzjoni wiesa' lid-drittijiet fundamentali tal-bniedem anke fejn il-fatti jkunu simili jew l-istess; u [2] li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti ccitaw sentenza tal-Qorti Ewropeja li minnha jirrizulta li "f'kaz li jkun hemm tnaqqis jew riduzzjoni ta' pensjoni jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt fundamentali kontenut fl-Artikolu1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.". Izda l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda referenza ghalihom.

19. Rigward l-ewwel argument r-rikorrenti jghidu li recentement f'dawn l-ahhar snin kien hemm serje shiha ta' gudizzji li turi illi interpretazzjoni statika, stagnata u li ma ticcaqlaqx mill-posizzjoni

f'gudikati precedenti mhix in-norma fejn persuna tilmenta minn ksur tal-drittijiet fundamentali taghha.[45] Jghidu wkoll li l-gurisprudenza dwar dawn id-drittijiet evolviet mhux fis-sens li dawn gew ristretti izda li jinghataw aktar interpretazzjoni wiesgha. Fid-dawl ta' dan, l-ewwel Qorti kellha tara "jekk l-analizi oggettiva u indipendenti taghha, bil-fatti esposti li japplikaw fil-kaz partikolari tal-esponenti, twassalx effettivament ghal-sejbien ta' lezjoni".

20. Rigward it-tieni argument, huma jirreferu ghal sentenzi tal-Qorti Ewropeja in sostenn tat-tezi taghhom li r-riduzzjoni jew it-twaqqif ta' penzjoni tista' ["may"] tikkostitwixxi interferenza ma' possedimenti, liema interferenza jehtieg li tigi gustifikata. Huma jilmentaw li fis-sentenza appellata m'hemmx referenza ghal dawn il-kazijiet citati minnhom.

21. In vena aktar specifika dwar din il-parti tal-aggravju taghhom, ir-rikorrenti jsostnu li r-riduzzjoni tal-pensjoni kontributorja taghhom bl-Artikolu 56 tal-Kap.318 tikkostitwixxi interferenza jew indhil fit-termini tal-kazistika citata minnhom. Ghalkemm huwa minnu li kif mistqarr mill-Qorti Ewropeja ma hemmx dritt ghal ammont partikolari ta' pensjoni, izda fil-kaz ta' Malta huwa l-Kap. 318 innifsu li jistabbilixxi b'ligi l-pensjoni taz-zewg terzi pagabbli lil min ikun hallas il-kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali. "… … … il-ligi taghna hasbet sabiex tistabbilixxi

[45] Fuq dan l-aspett ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghas-sentenzi rigwardanti d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali f' kawzi dwar id-droga, l-assistenza legali matur l-interrogatorju tal-pulizija u l-kawzi rigwardanti l-asbestos.

ammont u ghalhekk …. ma jistax jinghad li l-esponenti ma ghandhomx jedd fundamentali ghal ammont partikolari ta' pensjoni…".

22. Dwar il-gustifikazzjoni fil-ligi u l-prinicpju tal-proporzjonalita` ir-rikorrenti jiccitaw estensivament mill-kaz **Wieczorek v. Poland**[46]. Dwar dan l-aspett ir-rikorrenti, filwaqt li josservaw li l-analizi li trid issir huwa jekk it-thaddim tal-Artikolu 56 fil-konfront taghhom hijiex gustifikata a bazi tal-interess pubbliku jew tal-interess generali u wkoll, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-osservazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti fis-sens li l-pensjoni kontributorja hija ibbazata fuq is-solidarjeta` socjali sabiex, safejn huwa posibbli, il-gid jitqassam ma' u jitwassal lil kulhadd, jghidu li "Ghalkemm dan jista' jkun tassew minnu, huwa daqstant iehor minnu u ghandu mis-sewwa li l-pensjoni taz-zewg terzi hija bbazata u mahduma wkoll fuq il-hlas ta' kontribuzzjonijiet li jithallsu minn haddiem matul iz-zmien li huwa jkun impjegat. L-ewwel Qorti naqset ghal kollox milli tikkunsidra u tghid kif it-tnaqqis li huma qed igarrbu ghal dik li hija pensjoni taz-zewg terzi hija materja ta' interess pubbliku jew interess generali. Huma komplew jissottomettu hekk:

> "L-esponenti huma tassew perplessi: kif qatt jista' jnghad li t-tnaqqis li huma qieghdin isofru mill-pensjoni taz-zewg terzi li altrimenti kienet tkun dovuta lilhom hija interferenza ta' interess pubbliku? Minn imkien ma irrizulta dan l-interess pubbliku matul it-trattazzjoni tal-kawza. Ma irrizultax tali interess pubbliku ghaliex tabilhaqq ma hemm l-ebda interess pubbliku f'dan ir-rigward. Mhuwiex fl-interess pubbliku jew fl-interess generali li min jippercepixxi pensjoni tas-servizz - bhal ma jippercepixxu l-esponenti - jsofri tnaqqis fil-pensjoni kontributorja taz-zewg terzi. Ghalkemm l-appellati, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali

[46] Deciza fit-8 ta' Dicembru 2009

> taghhom, jippruvaw jargumentaw li tali mizura hija wahda fl-interess pubbliku, ma ressqu l-ebda prova jew raguni fattibbli ghal tali hsieb."

23. Jghidu li n-nuqqas ta' interess pubbliku fir-riduzzjoni tal-pensjoni kontributorja taghhom huwa sa certu grad rikonoxxut mill-istess intimati li jaghrfu l-fatt li huma mhumiex jichdu li jkun ahjar li kieku l-esponenti jippercepixxu l-pensjoni taz-zewg terzi fl-intier taghha u li l-Gvern qieghed jiehu hsieb jindirizza legislattivament din il-problema. Jghidu li, ghall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-intimati, l-interess pubbliku hu proprju dak li ladarba r-rikorrenti hallsu l-kontribuzzjonijiet dovuti minnhom, l-pensjoni kontributorja ghandha tithallas fl-intier taghha skont il-ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

24. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-ewwel parti tal-aggravju hija superfluwa stante li l-ewwel Qorti, sostnuta wkoll mill-insenjament ta' din il-Qorti u tal-Qorti Ewropeja fil-kawzi minnha citati, abbraccjat il-principju hemm enuncjat li drittijiet dwar pensjonijiet jidhlu fl-ambitu tat-terminu 'possediment' protett bl-artikolu konvenzjonali in kwistjoni fejn, bhal fil-kaz ta' Malta, tkun fis-sehh fi Stati Membri legislazzjoni li taghti dritt ghall-pensjoni jew beneficju u li tirregola l-komputazzjoni tal-ammonti dovuti. Ghalhekk il-vera kwistjoni f'dan il-kaz mhijiex id-dritt tar-rikorrenti ghall-pensjoni kontributorja, izda l-ammont ta' tali pensjoni dovut lilhom mill-iStat. Di fatti huma qed isostnu li hemm lezjoni tad-dritt

fundamentali taghhom mhux a bazi ta’ negazzjoni totali ta’ dan id-dritt, izda a bazi tal-Artikolu 56 tal-Kap.318 fuq citat li jirregola l-komputazzjoni tal-pensjoni kontributorja fil-kazijiet fejn il-persuna rtirata jkollha diga` pensjoni ohra, li tista’ tkun kemm pensjoni tas-servizz kif ukoll pensjoni privata.

25. Rigward l-ilment tar-rikorrenti li l-ewwel Qorti strahet fuq l-insenjament ta’ din il-Qorti fiz-zewg kazijiet fuq indikati, din il-Qorti tosserva li, fil-principju, fejn zewg kazijiet jittrattaw vertenza identika ghal dik in ezami, tapplika l-massima argumentum simili valet in lege.

26. Fiz-zewg kazijiet fuq citati Av. Dr Joseph Brincat noe u ta’ Joseph Grech et, il-meritu kien l-istess bhal dak fil-kaz odjern fis-sens li l-vertenza kienet dwar il-kostituzzjonalita` jew konvenzjonalita` tal-Artikolu 56 tal-Kap. 318 li jirregola t-tnaqqis tal-pensjoni kontributorja bil-pensjoni tas-servizz jew pensjoni privata u sabet li kien hemm interferenza gustifikata. Madankollu llum il-Qorti hi tal-fehma li logikament antecedenti ghall-argument jekk l-interferenza fit-tgawdija tal-possediment kienetx gustifikata, hemm il-kwistjoni kienx hemm interferenza f’dak il-possediment.

27. Fil-kaz odjern ma tirrizulta ebda interferenza fil-possediment tar-rikorrenti. Dan qed jinghad ghax, filwaqt li mill-pensjoni tas-Servizz

taghhom ma tnaqqas xejn u fil-fatt din qed tigi percepita minnhom fl-intier taghha huma qatt ma inghatalhom id-dritt li jiehdu l-pensjoni kontributorja shiha, izda d-dritt li kellhom, u li jikkwalifika bhala possediment, ai fini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kien li jippercepixxu pensjoni kontributorja nieqes l-ammont tal-pensjoni tas-Servizz u dan qatt ma ntmessilhom.

28. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

<u>It-tieni aggravju</u>

29. Dan hu fis-sens li l-Artikolu 56 tal-Kap.318 jiddiksrimina kontra r-rikorrenti b'mod mhux legittimu u b'mod pregudizzjevoli ghad-drittijiet ghal pensjoni taghhom. Ir-rikorrenti ma jaqblux ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat li r-rikorrenti jinsabu fl-istess posizzjoni li qieghdin fiha persuni ohra li jircievu pensjoni ohra tas-servizz jew pensjoni privata. Ma jaqblux ukoll ma' dik il-parti tas-sentenza li tghid li l-interferenza legislattiva ghandha "an objective and reasonable justification" ghal trattament differenti.

30. Ir-rikorrenti qed isostnu dan l-aggravju taghhom a bazi ta' [i] proprjeta` u [ii] status iehor. Jghidu li l-paragun maghmul mill-ewwel Qorti meta qabblithom ma' pensjonanti ohra li jircievu pensjoni tas-

servizz jew pensjoni privata ma huwiex korrett. Huma jispjegaw dan l-aggravju hekk:

> "it-tixbieh li ghandu jsir ... huwa paragun ma' pensjonanti ohra – bhal ma huma l-esponenti – li hallsu l-bolla – bhal ma hallsuha l-esponenti. Xejn ma jiswa' li l-esponenti jigu mqabbla ma 'persuni ohra li jircievu pensjoni tas-servizz jew pensjoni privata ohra ghaliex il-qofol tal-kwistjoni huwa li, filwaqt li huma hallsu l-bolla jew kontribuzzjonijiet bhal haddiehor, huma ma humiex qieghdin jippercepixxu l-istess dhul li haddiehor, li hallas jew ikkontribuwixxa fl-istess ammont, qieghed jippercepixxi........ X' hin isir dan il-paragun, it-trattament diskriminatorju differenti jirrizulta aktar milli b'mod lampanti, ghaliex pensjonanti ohra li jkunu hallsu jew ikkontribwew l-istess ammont jircievu aktar mill-esponenti bhala pensjoni [kontributorja]."

31. Jispjegaw li d-diskriminazzjoni li qieghdin isofru l-esponenti hija dovuta ghall-istatus li huma kellhom qabel, ossija meta kienu pulizija u t-tip ta' jedd ta' proprjeta` li ghandhom, u cioe` li jircievu pensjoni tas-servizz.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

32. Din il-Qorti ma taqbilx mal-paragun li qed jaghmlu r-rikorrenti bejnhom u bejn dawk li bhalhom hallsu l-kontribuzzjonijiet u li jiehdu l-ammont kollu tal-pensjoni kontributorja minghajr tnaqqis. Min m'ghandux pensjoni ohra, li tikwalifika bhala pensjoni tas-servizz, mhumiex fl-istess posizzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistax validament jinghad li dawn qieghdin f'sitwazzjoni analoga ghal xulxin.

Il-Qorti tirribadixxi[47] li l-paragun li jisthoqq li jsir huwa ma' dawk li bhal rikorrenti, kienu hallsu l-kontribuzzjonijiet u li ghandhom pensjoni ohra. Skont l-Artikolu 56 anke dawn ghandhom il-pensjoni ridotta bhar-rikorrenti.

33. Ghaldaqstant dan l-aggravju ma jreggix u qed jigi michud.

<u>It-tielet aggravju</u>

34. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern. Ir-rikorrenti jsostnu li bir-riduzzjoni fl-ammont tal-pensjoni kontributorja bl-ammont, anke parzjali, tal-pensjoni tas-servizz qed jittiehdilhom b'mod forzuz dritt ta' proprjeta` taghhom.

35. Din il-Qorti tosserva li, ladarba ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ghar-ragunijiet fuq spjegati, mhux il-kaz li l-Qorti telabora wisq fuq dan l-aggravju. Tghid pero' li lir-rikorrenti ma ttiehditilhom ebda proprjeta` ghax kif sottomess mill-intimati "[ir-rikorrenti] qatt ma kellhom il-jedd li jiehdu pensjoni tas-sigurta` socjali shiha meta ddahlet is-sistema taz-zewg terzi ($^2/_3$)[48] u allura huma fl-ebda ipotezi ma jistghu jghidu li tilfu xi flus."[49]

---

[47] PA Joseph Grech et v. Il-Ministru, deciza 15 Frar 2006
[48] Mill-1 ta' April 1978
[49] Vide *Av.Dr Brincat noe* fuq citata

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell incidentali billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u, minflok, tilqa' din l-eccezzjoni fil-konfront tal-intimat Onor. Prim Ministru u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tiddeciedi dwar l-appell principali billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ghalkemm ghal ragunijiet diversi minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb